# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 21 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 701/01**

**Numru 30**

**Aim Holdings**

**vs**

**Danbal Caterers Company Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tad-ditta attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tal-ammont ta' tlett elef, disa mija u tmien liri Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm3,908.34) dovuta lill-attur bhala prezz ta' riklamar.

Bl-ispejjez u interessi legali kontra s-socjeta konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tad-ditta attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fil-14 ta' Novembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lid-ditta attrici s-somma ta' Lm3,908.34,0 bl-imghax legali mis-27 ta' Lulju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur